



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' April 2022
(OR. en)

7902/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0110 (NLE)

LIMITE

CORLX 317
CFSP/PESC 442
RELEX 434
COEST 269
FIN 402

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru
833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li
jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta'...

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni (PESK) 2022/... ta' ... April 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna^{1*},

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L , , p. .

* ĠU: jekk jogħġbok daħħal l-informazzjoni nieqsa għad-Deċiżjoni li tinsab f'ST 7900/22 u imla n-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti.

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 833/2014¹.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jagħti effett lil ċerti miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK².
- (3) Fi ..., il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/...*, li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK. Din testendi l-lista ta' oġġetti kkontrollati li jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ militari u teknoloġiku tar-Russja jew għall-iżvilupp tas-settur tad-difiża u s-sigurtà tagħha. Hija tintroduċi restrizzjonijiet addizzjonali fuq l-importazzjoni ta' ċerti oġġetti mir-Russja, b'mod partikolari l-faħam u fjuwils fossili solidi oħra. Hija tintroduċi wkoll restrizzjonijiet ulterjuri fuq l-esportazzjonijiet lejn ir-Russja, b'mod partikolari l-karburant tal-ġettijiet u oġġetti oħra.
- (4) Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/...* tipprojbixxi wkoll milli jingħataw u jkomplu jitwettqu kuntratti u konċessjonijiet pubbliċi ma' ċittadini Russi u ma' entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja.
- (5) Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/...* timponi projbizzjoni fuq l-ġhoti ta' sostenn, inklużi l-finanzjament u l-assistenza finanzjarja jew kwalunkwe benefiċċju ieħor minn programm tal-Unjoni, tal-Euratom jew ta' Stat Membru lil entitajiet Russi li huma proprjetà tal-Istat jew ikkontrollati mill-Istat.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13).

* ĠU: jekk jogħġbok daħħal l-informazzjoni nieqsa għad-Deċiżjoni li tinsab f'ST 7900/22.

- (6) Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/...* testendi wkoll il-projbizzjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' karti tal-flus iddenominati f'euro u fuq il-bejgħ ta' titoli trasferibbli ddenominati f'euro għall-muniti uffiċjali kollha tal-Istati Membri.
- (7) Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/...* testendi l-eżenzjoni mill-projbizzjoni li jsiru tranżazzjonijiet ma' ċerti entitajiet li huma proprjetà tal-Istat fir-rigward ta' tranżazzjonijiet għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport ta' fjuwils fossili u ċerti minerali lejn l-Iżvizzera, iż-Żona Ekonomika Ewropea u l-Balkani tal-Punent.
- (8) Huwa xieraq li l-eżenzjonijiet mill-projbizzjoni fuq tranżazzjonijiet ma' ċerti intrapriżi tal-Istat Russi u s-sussidjarji tagħhom jiġu estiżi għal pajjiżi fiż-Żona Ekonomika Ewropea u l-Iżvizzera kif ukoll għall-Balkani tal-Punent; l-Unjoni tistenna l-allinjament rapidu u sħiħ tal-pajjiżi kollha fir-reġjun mal-miżuri restrittivi tal-UE, inkluż dawk li jikkonċernaw l-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna.
- (9) Id-Deċiżjoni (PESK) 2022/...* tintroduċi wkoll projbizzjoni għall-impriżi tat-trasport bit-triq stabbiliti fir-Russja milli jittrasportaw oġġetti bit-triq fl-Unjoni u tipprojbixxi l-aċċess għall-portijiet lil bastimenti rreġistrati bil-bandiera Russa. Hija tintroduċi projbizzjoni li wieħed ikun benefiċjarju, jaġixxi ta' fiduċjarju jew f'kapaċitajiet simili għal persuni u entitajiet Russi, kif ukoll projbizzjoni li wieħed jaġhti ċerti servizzi lil entitajiet fiduċjarji.

* ĠU: jekk jogħġbok daħħal l-informazzjoni nieqsa għad-Deċiżjoni li tinsab f'ST 7900/22.

(10) Dawn il-miżuri huma fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat u, għalhekk, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi ggarantita l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha, hemm bżonn ta' azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni.

(11) Għalhekk ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, jinżdiedu l-punti li ġejjin :

- “(v) ‘Direttivi dwar l-akkwist pubbliku’ tfisser id-Direttivi 2014/23/UE*, 2014/24/UE**, 2014/25/UE*** u 2009/81/KE**** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- (w) “impriża tat-trasport bit-triq” tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp involuti fit-trasport tal-merkanzija permezz ta’ vetturi bil-mutur jew kombinazzjonijiet ta’ vetturi, għal skopijiet kummerċjali.

* Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1).

** Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

*** Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

**** Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76).”;

(2) fl-Artikolu 2(4), il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(e) maħsuba għal networks elettroniċi tal-komunikazzjonijiet ċivili mhux disponibbli għall-pubbliku, li mhumiex proprjetà ta' entità fejn l-Istat għandu l-kontroll totali jew il-kontroll ta' aktar minn 50 % tagħha;”;

(3) fl-Artikolu 2(7), il-punti (i) u (ii) huma sostitwiti b'dan li ġej:

“(i) l-utent finali jista' jkun utent finali militari, persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fl-Anness IV jew li l-oġġetti jista' jkollhom użu finali militari, sakemm il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' oġġetti u teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata ma jkunux permessi skont il-paragrafu 1(a) tal-Artikolu 2b;

(ii) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata maħsuba għas-settur tal-avjazzjoni jew tal-industrija spazjali, sakemm tali bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata ma jkunux permessi skont il-paragrafu 4(b); jew”;

(4) fl-Artikolu 2a(4), il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(e) maħsuba għal networks elettroniċi tal-komunikazzjonijiet ċivili mhux disponibbli għall-pubbliku, li mhumiex proprjetà ta' entità fejn l-Istat għandu l-kontroll totali jew il-kontroll ta' aktar minn 50 % tagħha;

(5) fl-Artikolu 2a(7), il-punti (i) u (ii) huma sostitwiti b'dan li ġej:

“(i) l-utent finali jista' jkun utent finali militari, persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fl-Anness IV jew li l-oġġetti jista' jkollhom użu finali militari, sakemm il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew l-ġhoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata ma jkunux permessi skont il-paragrafu 1 tal-Artikolu 2b;

(ii) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 jew l-ġhoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata maħsuba għas-settur tal-avjazzjoni jew tal-industrija spazjali, sakemm tali bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni jew l-ġhoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata ma jkunux permessi skont il-paragrafu 4(b); jew”;

(6) fl-Artikolu 3(3), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) it-trasport ta' gass naturali u żejt, inklużi prodotti miż-żejt raffinat, mir-Russja jew li jgħaddu mir-Russja lejn l-Unjoni; jew”;

(7) fl-Artikolu 3a(2), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) huwa neċessarju biex ikun iggarantit il-forniment kritiku tal-enerġija fl-Unjoni, kif ukoll it-trasport ta' gass naturali u żejt, inklużi prodotti miż-żejt raffinat, mir-Russja jew li jgħaddu mir-Russja, lejn l-Unjoni; jew”;

(8) fl-Artikolu 3b, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Għandu jiġi pprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, diretta jew indiretta, ta' oġġetti u teknoloġija adattati għall-użu fir-raffinar taż-żejt u l-likwifikazzjoni tal-gass naturali, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp Russu jew għall-użu fir-Russja.”;

(9) fl-Artikolu 3c, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, diretta jew indiretta, ta' oġġetti u teknoloġija adattati għall-użu fl-avjazzjoni jew fl-industrija spazjali, kif elenkati fl-Anness XI, u fjuwil tal-ġettijiet u l-addittivi tal-fjuwil kif elenkati fl-Anness XX, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp Russu jew għall-użu fir-Russja.”;

(10) fl-Artikolu 3c, jinżdedu l-paragrafi li ġejjin:

“6. B’deroga mill-paragrafi 1 sa 4, l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jistgħu jawtorizzaw, b’tali kundizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, it-twettiq ta’ lokazzjoni finanzjarja ta’ inġenju tal-ajru konkluża qabel is-26 ta’ Frar 2022 wara li jiddeterminaw li:

- (a) huwa strettament neċessarju li jiġu ggarantiti r-ripagamenti tal-lokazzjoni lil persuna ġuridika, entità jew korp inkorporati jew kostitwiti skont il-liġi ta’ Stat Membru li ma huma fl-ebda waħda mill-miżuri restrittivi previsti f’dan ir-Regolament; u
- (b) l-ebda riżorsa ekonomika ma jkollha aċċess għaliha l-kontroparti Russa, bl-eċċezzjoni tat-trasferiment tas-sjieda tal-inġenju tal-ajru wara r-rimborż totali tal-lokazzjoni finanzjarja.

- 7. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni li tingħata skont dan l-Artikolu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.
- 8. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 2(4)(b) u 2a(4)(b).”;

(11) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 3ea

- “1. Għandu jkun ipprojbit wara ... [ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data sebat ijiem wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] l-għoti ta' aċċess għall-portijiet fit-territorju tal-Unjoni lil kwalunkwe bastiment irregiſtrat taħt il-bandiera Russa.
2. Il-paragrafu 1 għandu japplika għall-bastimenti li jkunu biddlu l-bandiera jew ir-regiſtrazzjoni Russa tagħhom, għall-bandiera jew ir-regiſtru ta' kwalunkwe Stat ieħor wara l-24 ta' Frar 2022.
3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, bastiment tfisser:
 - (a) vapur li jikkwalifika fl-ambitu tal-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti;
 - (b) jott, ta' 15-il metru jew aktar, li ma jġorrx merkanzija u li jġorr mhux aktar minn 12-il passiġġier; jew
 - (c) dgħajsa li tintuża għar-rikreazzjoni jew inġenju tal-ilma personali kif definiti fid-Direttiva 2013/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*.
4. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika fil-każ ta' bastiment fi bżonn ta' assistenza li jkun qed ifittex post ta' rifuġju, ta' sejħa ta' emerġenza lill-port għal raġunijiet ta' sigurtà marittima, jew ta' salvataġġ ta' ħajja fil-baħar.

5. B' deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw li bastiment ikollu aċċess għal port, b'tali kundizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-aċċess huwa neċessarju:
- (a) għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport fl-Unjoni ta' gass naturali u żejt, inklużi prodotti miż-żejt raffinat, it-titanju, l-aluminju, ir-ram, in-nikil, il-palladju, il-mineral tal-ħadid, kif ukoll ċerti prodotti kimiċi u tal-ħadid kif elenkat fl-Anness XXIV;
 - (b) għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi, agrikoli u alimentari, inkluż il-qamħ u dawk il-fertilizzanti li l-importazzjoni, ix-xiri u t-trasport tagħhom huma permessi taħt dan ir-Regolament;
 - (c) għal skopijiet umanitarji;
 - (d) it-trasport ta' fjuwil nukleari u oġġetti oħra strettament neċessarji għall-funzjonament tal-kapaċitajiet nukleari; jew
 - (e) ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport fl-Unjoni ta' faħam u fjuwils fossili solidi oħra, kif elenkat fl-Anness XXII sa ... [ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data erba' xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

6. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni li tingħata skont il-paragrafu 5 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni;

* Id-Direttiva 2013/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar id-dgħajjes li jintużaw għar-rikreazzjoni u l-inġenji tal-ilma personali u li tħassar id-Direttiva 94/25/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p . 90).”;

(12) fl-Artikolu 3h, jinżiedu l-paragrafi li ġejjin:

- “4. B’deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw it-trasferiment jew l-esportazzjoni lejn ir-Russja ta’ beni kulturali tal-Istat mislufin fil-kuntast ta' kooperazzjoni formali mar-Russja.
5. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni li tingħata skont il-paragrafu 4 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.”;

(13) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

“Artikolu 3i

1. Għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment fl-Unjoni, direttament jew indirettament, ta’ oġġetti, kif elenkati fl-Anness XXI, li jiġġeneraw dħul sinifikanti għar-Russja u li b’hekk jgħinu l-azzjonijiet tagħha biex tiddestabilizza s-sitwazzjoni fl-Ukrajna, jekk dawn joriġinaw mir-Russja jew ikunu ġew esportati mir-Russja.
2. Għandu jkun ipprojbit:
 - (a) l-għoti ta’ assistenza teknika, servizzi ta’ senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmin fil-paragrafu 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta’ dawn l-oġġetti u teknoloġija, direttament jew indirettament fir-rigward tal-projbizzjoni fil-paragrafu 1.
 - (b) l-għoti ta’ finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmin fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe xiri, importazzjoni jew trasferiment ta’ dawk l-oġġetti u teknoloġija, jew għall-għoti ta’ assistenza teknika relatata, servizzi ta’ senserija jew servizzi oħra, direttament jew indirettament fir-rigward tal-projbizzjoni fil-paragrafu 1.

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għat-twettiq sa ... [ĠU: daħħal tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] ta' kuntratti konklużi qabel ... [ĠU: daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], jew kuntratti anċillari neċessarji għat-twettiq ta' tali kuntratti.
4. Mill-... [ĠU: daħħal tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasport, jew l-assistenza teknika jew finanzjarja relatati, neċessarji għall-importazzjoni fl-Unjoni ta':
 - (a) 837 570 tunnellata metrika ta' klorur tal-potassju ta' NM 310420 bejn ... [ĠU: daħħal id-data tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] ta' sena partikolari u ... [ĠU: daħħal id-data tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament nieqes jum] tas-sena ta' wara;
 - (b) 1 577 807 tunnellata metrika kkombinata tal-prodotti l-oħra elenkati fl-Anness XXI taħt in-NM 310520, 310560 u 310590 bejn ... [ĠU: daħħal id-data tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] ta' sena partikolari u ... [ĠU: daħħal id-data tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament nieqes jum] tas-sena ta' wara;
5. Il-kwoti ta' volum tal-importazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 4 għandhom jiġu ġestiti mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri f'konformità mas-sistema ta' ġestjoni għar-rati tal-kwoti tariffarji previsti fl-Artikoli 49 sa 54 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447*.

Artikolu 3j

1. Għandu jkun ipprojbit ix-xiri, l-importazzjoni, jew it-trasferiment fl-Unjoni, direttament jew indirettament, ta' faħam u fossili solidi oħra, kif elenkati fl-Anness XXII, jekk dawn joriġinaw mir-Russja jew jiġu esportati mir-Russja.
2. Għandu jkun ipprojbit:
 - (a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmijin fil-paragrafu 1 u l-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawn l-oġġetti u teknoloġija, direttament jew indirettament fir-rigward tal-projbizzjoni fil-paragrafu 1.
 - (b) l-għoti ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmijin fil-paragrafu 1 għal kwalunkwe xiri, importazzjoni jew trasferiment ta' daww l-oġġetti u teknoloġija, jew għall-għoti ta' assistenza teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, direttament jew indirettament fir-rigward tal-projbizzjoni fil-paragrafu 1.
3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għat-twettiq sa ... [ĠU: daħħal erba' xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] ta' kuntratti konklużi qabel ... [ĠU: daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], jew kuntratti anċillari neċċessarji għat-twettiq ta' tali kuntratti.

Artikolu 3k

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' oġġetti li jistgħu jikkontribwixxu b' mod partikolari għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet industrijali tar-Russja kif elenkati fl-Anness XXIII, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja.
2. Għandu jkun ipprojbit:
 - (a) l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħrajn relatati mal-oġġetti jew it-teknoloġija msemmijin fil-paragrafu 1 u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' daww l-oġġetti u teknoloġija, direttament jew indirettament, lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja jew għall-użu fir-Russja;
 - (b) l-għoti ta' finanzjament jew għajjnuna finanzjarja relatati mal-oġġetti u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafi 1 għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' daww l-oġġetti u teknoloġija, jew għall-għoti ta' għajjnuna teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, b' mod dirett jew indirett lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja, jew għall-użu fir-Russja.
3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għat-twettiq sa ... [ĠU: daħħal tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] ta' kuntratti konklużi qabel ... [ĠU: daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] jew kuntratti anċillari neċessarji għat-twettiq ta' tali kuntratti.

4. Il-projbizzjonijiet imsemmijin fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal oġġetti li jkunu neċessarji għall-iskopijiet uffiċjali tal-missjonijiet diplomatiċi jew konsulari tal-Istati Membri jew tal-pajjiżi sħab fir-Russja jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mad-dritt internazzjonali, jew l-oġġetti personali tal-persunal tagħhom.
5. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw, bil-kundizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti u t-teknoloġija elenkati fl-Anness XXIII, jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata, wara li jkunu ddeterminaw li tali oġġetti jew teknoloġija jew l-għoti ta' assistenza teknika jew finanzjarja relatata huma neċessarji għal skopijiet umanitarji, bħat-twassil jew l-iffaċilitar tat-twassil ta' assistenza, inklużi provvisti mediċi, ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u assistenza relatata jew għall-evakwazzjonijiet.

Artikolu 3l

1. Għandu jkun ipprojbit lil kull impriża tat-trasport bit-triq stabbilita fir-Russja milli tittrasporta oġġetti bit-triq fit-territorju tal-Unjoni, inkluż fi tranżitu.
2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal impriżi tat-trasport bit-triq li jittrasportaw:
 - (a) il-posta bħala servizz universali;

- (b) oġġetti fi tranżitu mill-Unjoni bejn Kaliningrad Oblast u r-Russja, dment li t-trasport ta' tali oġġetti ma jkunx b'mod ieħor ipprojbit skont dan ir-Regolament.
3. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika sa ... [ĠU: daħħal sebat ijiem wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għat-trasport tal-oġġetti li jkun beda qabel ... [ĠU: daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] dment li l-vettura tal-impriża tat-trasport bit-triq:
- (a) kienet diġà fit-territorju tal-Unjoni fi ... [ĠU: daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]; jew
- (b) teħtieġ tgħaddi mill-Unjoni sabiex tirritorna lejn ir-Russja.
4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw it-trasport ta' oġġetti minn impriża tat-trasport bit-triq stabbilita fir-Russja jekk l-awtoritajiet kompetenti jkunu ddeterminaw li tali trasport huwa neċessarju:
- (a) għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport fl-Unjoni ta' gass naturali u żejt, inklużi prodotti miż-żejt raffinat, kif ukoll it-titanju, l-aluminju, ir-ram, in-nikil, il-palladju u l-mineral tal-ħadid;
- (b) għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport ta' prodotti farmaċewtiċi, mediċi, agrikoli u alimentari, inkluż il-qamħ u dawk il-fertilizzanti li l-importazzjoni, ix-xiri u t-trasport tagħhom huma permessi taħt dan ir-Regolament;

- (c) għal skopijiet umanitarji;
 - (d) il-funzjonament tar-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari tal-Unjoni u l-Istati Membri fir-Russja, inkluż delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, jew organizzazzjonijiet internazzjonali fir-Russja li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mad-dritt internazzjonali; jew
 - (e) it-trasferiment jew l-esportazzjoni lejn ir-Russja ta' beni kulturali li huma mislufin fil-kuntest ta' kooperazzjoni kulturali formali mar-Russja.
5. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni li tingħata skont il-paragrafu 4 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

* Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, p. 558).”;

- (14) fl-Artikolu 4(1), il-punt (c) u (d) huma mħassra.

(15) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-assistenza għal:

- (a) l-importazzjoni, ix-xiri jew it-trasport relatat ma': (i) il-forniment ta' partijiet ta' rikambju u servizzi meħtieġa għall-manutenzjoni u s-sikurezza ta' mezzi eżistenti fl-Unjoni; jew (ii) l-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel l-1 ta' Awwissu 2014, jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti; jew
- (b) il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' partijiet ta' rikambju u servizzi meħtieġa għall-manutenzjoni u s-sikurezza ta' mezzi eżistenti fl-Unjoni.";

(16) fl-Artikolu 5aa(3), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) tranżazzjonijiet li huma strettament neċessarji għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport, direttament jew indirettament, ta' gass naturali u żejt, inklużi prodotti miż-żejt raffinat, kif ukoll it-titanju, l-aluminju, ir-ram, in-nikil, il-palladju u l-mineral tal-ħadid mir-Russja jew li jgħaddu mir-Russja lejn l-Unjoni, xi pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea, l-Iżvizzera jew il-Balkani tal-Punent.”;

(17) fl-Artikolu 5aa(3), jinżdied il-punt li ġej:

“(c) tranżazzjonijiet għax-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport fl-Unjoni ta' faħam u fjuwils fossili solidi oħra, kif elenkati fl-Anness XXII sa ... [ĠU: jogħġbok daħħal id-data erba' xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].”;

(18) l-Artikolu 5b huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 5b

1. Għandu jkun ipprojbit li jiġi aċċettat kwalunkwe depożitu minn ċittadini Russi jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja, jew persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja, jekk il-valur totali tad-depożiti tal-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp għal kull istituzzjoni ta' kreditu jaqbeż il-EUR 100 000.
2. Għandu jkun ipprojbit li jingħataw servizzi ta' kartieri tal-kriptoassi, kontijiet jew ta' kustodja lil ċittadini Russi jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja, jew persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja, jekk il-valur totali tal-kriptoassi tal-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp għal kull fornitur tal-kartiera, kont jew kustodja jkun jaqbeż il-EUR 10 000.
3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal ċittadini ta' Stat Membru, ta' pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Iżvizzera, jew għal persuni fiżiċi li għandhom permess ta' residenza temporanju jew permanenti fi Stat Membru, f'pajjiż membru taż-Żona Ekonomika Ewropea jew fl-Iżvizzera.
4. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għal depożiti li huma neċessarji għal kummerċ transfruntier mhux ipprojbit f'oġġetti u servizzi bejn l-Unjoni u r-Russja.”;

(19) fl-Artikolu 5c(1), il-formulazzjoni introdutturja tinbidel b'dan li ġej:

“1. B’deroga mill-Artikoli 5b(1) u (2), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw li jiġi aċċettat tali depożitu jew il-forniment ta’ kartiera, kont jew kustodja, b’dawk il-kundizzjonijiet li huma jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-aċċettazzjoni ta’ tali depożitu jew forniment ta’ kartiera, kont jew kustodja hija:”;

(20) fl-Artikolu 5d(1), il-formulazzjoni introdutturja tinbidel b'dan li ġej:

“1. B’deroga mill-Artikoli 5b(1) u (2), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw li jiġi aċċettat tali depożitu jew il-forniment ta’ kartiera, kont jew kustodja, b’dawk il-kundizzjonijiet li huma jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li l-aċċettazzjoni ta’ tali depożitu jew forniment ta’ kartiera, kont jew kustodja hija:”;

(21) fl-Artikolu 5f, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ ta’ titoli trasferibbli denominati fi kwalunkwe munita uffiċjali ta’ Stat Membru maħruġa wara t-12 ta’ April 2022 jew unitajiet f’impriżi ta’ investiment kollettiv li jipprovdu skopertura għal tali titoli, lil kwalunkwe ċittadin Russu jew persuna fiżika li tirrisjedi fir-Russja jew kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbilit fir-Russja.”;

(22) l-Artikolu 5i huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 5i

- “1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' karti tal-flus fi kwalunkwe munita uffiċjali ta' Stat Membru lir-Russja jew lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja, inkluż il-gvern u l-Bank Ċentrali tar-Russja, jew għall-użu fir-Russja.
2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika fil-każ ta' bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' karti tal-flus denominati fi kwalunkwe munita uffiċjali ta' Stat membru sakemm tali bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni jkunu neċessarji għal:
 - (a) l-użu personali ta' persuni fiżiċi li jkunu qed jivvjaġġaw lejn ir-Russja, jew il-membri tal-familji immedjati tagħhom li jkunu qed jivvjaġġaw magħhom; jew
 - (b) l-iskopijiet uffiċjali ta' missjonijiet diplomatiċi, uffiċċji konsulari jew organizzazzjonijiet internazzjonali fir-Russja li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mad-dritt internazzjonali.”;

(23) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

“Artikolu 5k

1. Għandu jkun ipprojbit l-għoti jew it-tkomplija tat-twettiq ta' kwalunkwe kuntratt pubbliku jew ta' konċessjoni li huma fl-ambitu tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku, kif ukoll l-Artikolu 10, il-paragrafi 1, 3, minn 6(a) sa 6(e), 8, 9 u 10, l-Artikoli 11, 12, 13 u 14 tad-Direttiva 2014/23/UE, l-Artikoli 7 u 8, l-Artikolu 10 (b) sa (f) u (h) sa (j) tad-Direttiva 2014/24/UE, l-Artikolu 18, l-Artikolu 21 (b) sa(e), (g) sa (i), l-Artikoli 29 u 30 tad-Direttiva 2014/25/UE u l-Artikolu 13 (a)sa (d), (f)sa (h) u (j) tad-Direttiva 2009/81/KE, lil jew ma':

- (a) ċittadin Russu, jew persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp stabbiliti fir-Russja;
- (b) persuna ġuridika, entità jew korp li aktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom huma direttament jew indirettament proprjetà ta' entità msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu; jew
- (c) persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem entità msemmija fil-punti (a) jew (b) ta' dan il-paragrafu jew skont id-direzzjoni tagħha,

inklużi, fejn dawn jammontaw għal aktar minn 10 % tal-valur tal-kuntratt, tas-sottokuntratturi, tal-fornituri jew tal-entitajiet li l-kapaċitajiet tagħhom huma invokati fis-sens tad-Direttivi dwar l-akkwist pubbliku.

2. B' deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw l-għoti u t-twettiq kontinwat ta' kuntratti maħsuba għal:
- (a) l-operat, il-manutenzjoni, id-dekummissjonar u l-ġestjoni tal-iskart radjuattiv, il-forniment tal-fjuwil u t-trattament mill-ġdid u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, tal-kostruzzjoni u l-kummissjonar meħtieġa għat-tlestija ta' faċilitajiet nukleari ċivili, kif ukoll il-forniment ta' materjal prekursor għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, it-teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;
 - (b) il-kooperazzjoni intergovernattiva fi programmi spazjali;
 - (c) il-forniment ta' oġġetti jew servizzi strettament neċessarji li jistgħu jipprovduhom biss, jew li jistgħu jipprovduhom biss fi kwantitajiet suffiċjenti, il-persuni msemmija fil-paragrafu 1;

- (d) il-funzjonament tar-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari tal-Unjoni u l-Istati Membri fir-Russja, inklużi delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, jew organizzazzjonijiet internazzjonali fir-Russja li jgawdu immunitajiet f'konformità mad-dritt internazzjonali;
 - (e) ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport ta' gass naturali u żejt, inkluż prodotti tal-petroleum raffinat, kif ukoll it-titanju, l-aluminju, ir-ram, in-nikil, il-palladju u l-mineral tal-ħadid mir-Russja jew li jgħaddu mir-Russja lejn l-Unjoni; jew
 - (f) ix-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport fl-Unjoni ta' faħam u fjuwils fossili solidi oħra, kif elenkat fl-Anness XXII sa ... [ĠU: daħħal id-data erba' xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
3. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni dwar kull awtorizzazzjoni li tingħata skont dan l-Artikolu fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.

4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għat-twettiq sa ... [ĠU: daħħal id-data sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] ta' kuntratti konklużi qabel ... [ĠU: daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Artikolu 5l

1. Għandu jkun ipprojbit l-għoti ta' appoġġ, dirett jew indirett, inklużi l-finanzjament u l-assistenza finanzjarja jew kwalunkwe benefiċċju ieħor fl-ambitu ta' programm u kuntratti nazzjonali tal-Unjoni, tal-Euratom jew ta' Stat Membru fis-sens tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti fir-Russja fejn l-Istat għandu sjieda jew kontroll ta' aktar minn 50 % tagħhom.
2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għal:
 - (a) skopijiet umanitarji, emerġenzi tas-saħħa pubblika, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew tal-ambjent, jew bħala rispons għal diżastri naturali;
 - (b) programmi fitosanitarji u veterinarji;

- (c) kooperazzjoni intergovernattiva fil-programmi spazjali u fl-ambitu tal-Ftehim Internazzjonali dwar ir-Reattur Termonukleari Sperimentali;
- (d) l-operat, il-manutenzjoni, id-dekummissjonar u l-ġestjoni tal-iskart radjuattiv, il-forniment tal-fjuwil u t-trattament mill-ġdid u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, kif ukoll il-forniment ta' materjal prekursor għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, it-teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll il-kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;
- (e) l-iskambji ta' mobbiltà għall-individwi u għall-kuntatti bejn il-persuni;
- (f) programmi klimatiċi u ambjentali, bl-eċċezzjoni tal-appoġġ fil-kuntest tar-riċerka u l-innovazzjoni;
- (g) il-funzjonament tar-rappreżentanzi diplomatiċi u konsulari tal-Unjoni u l-Istati Membri fir-Russja, inklużi delegazzjonijiet, ambaxxati u missjonijiet, jew organizzazzjonijiet internazzjonali fir-Russja li jgawdu immunitajiet f'konformità mad-dritt internazzjonali.

Artikolu 5m

1. Għandu jkun ipprojbit li wieħed jirreġistra, jipprovdi uffiċċju reġistrat, indirizz tan-negozju jew amministrattiv kif ukoll servizzi ta' ġestjoni lil entità fiduċjarja jew xi arranġament legali simili li jkollu bħala trustors jew benefiċjarji:
 - (a) ċittadini Russi jew persuni fiżiċi li jirrisjedu fir-Russja;
 - (b) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja;
 - (c) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li aktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom huma direttament jew indirettament proprjetà ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp entità msemmija fil-punti (a) jew (b);
 - (d) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi kkontrollati minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp msemmija fil-punti (a), (b) jew (c);
 - (e) persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew skont id-direzzjoni ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp msemmija fil-punti (a), (b), (c) jew (d).

2. Għandu jkun ipprojbit minn ... [ĠU daħħal id-data li hija xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] li wieħed jaġixxi, jew jirrangà biex persuna oħra taġixxi, bħala fiduċjarju, azzjonist nominat, direttur, segretarju jew pożizzjoni simili, għal entità fiduċjarja jew arranġament legali simili kif imsemmi fil-paragrafu 1.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-operazzjonijiet li huma strettament neċessarji għat-terminazzjoni sa ... [ĠU daħħal id-data li hija xahar wara [id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] ta' kuntratti li ma humiex f'konformità ma' dan l-Artikolu konklużi qabel ... [ĠU daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ] jew kuntratti anċillari neċessarji għat-twettiq ta' tali kuntratti.
4. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw jekk trustor jew benefiċjarju jkun ċittadin ta' Stat Membru jew persuna fiżika li jkollhom permess ta' residenza temporanju jew permanenti fi Stat Membru.
5. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw is-servizzi msemmijin fihom, b'tali kundizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dawn huma neċessarji:
 - (a) għal skopijiet umanitarji, bħat-twassil jew l-iffaċilitar tat-twassil ta' assistenza, inklużi provvisti mediċi, ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u assistenza relatata jew għal evakwazzjonijiet; jew

- (b) għal attivitajiet tas-soċjeta' ċivili li jippromwovu direttament id- demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem jew l-istat tad-dritt fir-Russja.

* Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).”;

(24) fl-Artikolu 6(1), jinżdied il-punt li ġej:

“(d) każijiet individwati ta' ksur, ċirkonvenzjoni u tentattivi ta' ksur jew ċirkonvenzjoni tal-projbizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament permezz tal-użu ta' kryptoassi.”;

(25) fl-Artikolu 11(1), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Annessi ta' dan ir-Regolament jew persuni ġuridiċi jew entitajiet jew korpi stabbiliti barra mill-Unjoni li, direttament jew indirettament, huma sidien ta' aktar minn 50 % tad-drittijiet ta' proprjeta' tagħhom.”;

(26) l-Anness VII huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(27) l-Anness XVIII huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament;

- (28) l-Anness X huwa emendat f'konformità mal-Anness II għal dan ir-Regolament;
- (29) l-Anness XVII huwa emendat f'konformità mal-Anness IV ta' dan ir-Regolament;
- (30) l-Anness XVIII huwa emendat f'konformità mal-Anness V ta' dan ir-Regolament;
- (31) l-Annessi XX, XXI, XXII, XXIII u XXIV jinżiedu f'konformità mal-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX I

Fl-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 833/2014, tinżied il-kategorija li ġejja:

'Kategorija VIII — Oġġetti mixxellanji

X.A.VIII.001 Tagħmir għall-produzzjoni taż-żejt jew għall-esplorazzjoni taż-żejt kif ġej:

- a. Tagħmir tal-kejl integrat tar-ras tat-tħaffir, inklużi sistemi ta' navigazzjoni interna għall-kejl waqt it-tħaffir (measurement while drilling, MWD);
- b. Sistemi ta' monitoraġġ tal-gass u ditekters għalihom, iddisinjati għall-operazzjoni kontinwa u d-detezzjoni tas-sulfid tal-idroġenu;
- c. Tagħmir għall-kejl sismoloġiku, inklużi s-sismetika tar-riflessjoni u l-vibraturi sismiċi;
- d. Sediment echo sounders.

X.A.VIII.002 Tagħmir, 'assemblaġġi elettroniċi' u komponenti, iddisinjati apposta għal kompjuters kwantistiċi, elettronika kwantistika, sensuri kwantistiċi, unitajiet ta' proċessar kwantistiku, ċirkwiti qubit, apparati qubit jew sistemi ta' radar kwantistiku, inklużi ċelloli pockels.

Nota 1: il-kompjuters kwantistiċi jwettqu komputazzjonijiet li jużaw il-proprjetajiet kollettivi tal-istati kwantistiċi, bħas-superpozzjoni, l-interferenza u t-tħabbil.

Nota 2: L-unitajiet, iċ-ċirkwiti u l-apparati jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, ċirkwiti superkonduktiv, Kwaċċar kwantum, Ion Trap, interazzjoni fotonika, silikon/spin, atomi kesħin.

X.A.VIII.003 Mikroskopji u tagħmir u detectors relatati, kif ġejjin:

- a. Mikroskopju elettroniku tal-iskennjar (scanning electron microscope, SEM).
- b. Mikroskopji tal-auger li jiskennjaw;
- c. Mikroskopji tal-elettroni tat-trażmissjoni (transmission electron microscopes, TEM);
- d. Mikroskopji tal-forza atomika (atomic force microscopes, AFM);
- e. Mikroskopji tal-forza tal-iskennjar (scanning force microscope, SFM);
- f. Tagħmir u detectors, imfassla b'mod speċjali biex jintużaw mal-mikroskopji speċifikati f' X.A.VIII.003.a sa X.A.VIII.0003.e, li jużaw kwalunkwe teknika tal-analiżi tal-materjali minn dawn li ġejjin:
 1. Spettroskopija ta' ritratt b'raġġi X (X-ray photo spectroscop, XPS);
 2. Spettroskopija b'raġġi X li xxerred l-enerġija (energy-dispersive X-ray spectroscopy, EDX, EDS); jew
 3. Spettroskopija bl-Elettroni għall-Analiżi Kimika (electron spectroscopy for chemical analysis, ESCA).

X.A.VIII.004 Tagħmir tal-kollektur għall-minerali tal-metall f' qiegħ il-baħar fond.

X.A.VIII.005 Tagħmir tal-manifattura u għodod tal-magni kif ġej:

- a. Tagħmir tal-manifattura addittiv għall-'produzzjoni' ta' partijiet tal-metall;

Nota: X.A.VIII.005.a japplika biss għas-sistemi li ġejjin:

1. Sistemi b'sodda baxxa li jużaw tidwib selettiv bil-laser (selective laser melting, SLM), kuxxinjar bil-laser, sinterizzazzjoni diretta bil-laser tal-metall (direct metal laser sintering, DMLS) jew tidwib ta' raġġ ta' elettroni (electron beam melting, EBM), jew
 2. Sistemi li jużaw kisi bil-laser, depożizzjoni diretta ta' enerġija jew depożizzjoni ta' metall bil-laser.
- b. Tagħmir tal-manifattura addittiv għal 'materjali enerġetiċi', inkluż tagħmir li juża estrużjoni ultrasonika;
- c. Tagħmir tal-manifattura addittiv tal-fotopolimerizzazzjoni tal-VAT (VVP) li juża l-litografija sterjo (stereo lithography, SLA) jew l-ipproċessar diġitali tad-dawl (digital light processing, DLP).

X.A.VIII.006 Tagħmir għall-'produzzjoni' ta' elettronika stampata għal diodi organiċi li jemettu dawl (organic light emitting diodes, OLED), tranzistors organiċi b'effett fil-post (organic field-effect transistors, OFET) jew ċelloli fotovoltajċi organiċi (organic photovoltaic cells, OPVC).

X.A.VIII.007 Tagħmir għall-'produzzjoni' ta' sistemi mikroelektromekkanici (microelectromechanical systems, MEMS) li jużaw il-proprjetajiet mekkaniċi tas-siliċju, sensuri ta' inkluż f'format ta' ċippa bħal membrani ta' pressjoni, raġġi ta' liwi jew apparat ta' aġġustament mikro.

X.A.VIII.008 Tagħmir, iddisinjat apposta għall-produzzjoni ta' e-karburanti (elettrokaburanti u karburanti sintetiċi) jew ċelloli solari ultra effiċjenti (effiċjenza > 30 %).

X.A.VIII.009 Tagħmir għal Vakwu Ultra-Għoli (Ultra-High-Vacuum, UHV) kif ġej:

- a. Pompi UHV (sublimazzjoni, turbomolekulari, diffużjoni, krijoġeniċi, graff tal-joni);
- b. Gauges tal-pressjoni UHV.

Nota: UHV tfisser 100 nanoPascals (nPA) jew inqas.

X.A.VIII.010 “Sistemi ta’ refriġerazzjoni krijoġeniċi” ddisinjati biex iżommu temperaturi taħt il-1,1 K għal 48 siegħa jew aktar u tagħmir ta’ refriġerazzjoni krijoġeniku relatat kif ġej:

- a. Kubi tal-impuls;
- b. Cryostats;
- c. Dewars;
- d. Sistema ta’ Maniġġar tal-Gass (Gas Handling System, GHS);
- e. Komplessuri;
- f. Unitajiet ta’ Kontroll

Nota: “Sistemi ta’ refriġerazzjoni krijoġeniċi” jinkludu iżda mhumiex limitati għal Refriġerazzjoni tad-Dilwizzjoni, Refriġeraturi ta’ Demagnizzazzjoni adiabatika u Sistemi ta’ Tkessiġ bil-Laser.

X.A.VIII.011 Tagħmir ta’ “dekapsulazzjoni” għal apparat semikonduttur.

Nota: “Dekapsulazzjoni” hija t-tneħħija ta’ kappa, għatu, jew materjal ta’ inkapsulazzjoni minn ċirkwit integrat ippakkjat b’mezzi mekkaniċi, termali jew kimiċi.

- X.A.VIII.012 Fotodetturi b'Effiċjenza Kwantistika Għolja (Quantum Efficiency, QE) b'QE ikbar minn 80 % fil-medda tat-tul ta' mewġ ta' iktar minn 400 nm iżda mhux iktar minn 1600 nm.
- X.AVIII.013 Għodda bil-magna kkontrollati numeriċi, li għandhom assi lineari wieħed jew aktar b'tul ta' tmexxija akbar minn 8000 mm.
- X.C.VIII.001 Trabijiet tal-metall u trabijiet tal-liġi tal-metall, li jistgħu jintużaw għal xi waħda mis-sistemi elenkati f'X.A.VIII.005.a.
- X.C.VIII.002 Materjali avvanzati kif ġej:
- a. Materjali għall-immaljar jew camouflage adattiv;
 - b. Metamaterjali, pereżempju b'indiċi rifrattiv negattiv;
 - c. Mhux użat;
 - d. Liġi ta' entropija għolja (high entropy alloys, HEA);
 - e. Komposti ta' heusler;
 - f. Materjali ta' kitaev, inklużi likwidi ta' kitaev spin.
- X.C.VIII.003 Polimeri konjugati (konduttivi, semikonduttivi, elettrominexxenti) għall-elettronika stampata jew organika.

X.C.VIII.004 Materjali enerġetiċi kif ġej u taħlitiet tagħhom:

- a. Pikrat tal-ammonju (CAS 131-74-8);
- b. Trab iswed;
- c. Eżanitrodifenilammina (CAS 131-73-7);
- d. Difluworoammina (CAS 10405-27-3);
- e. Nitrolamtu (CAS9056-38-6);
- f. Mhux użat;
- g. Tetranitronaftalina;
- h. Trinitruaniżol;
- i. Trinitronaftalina;
- j. Trinitrossilen;
- k. N-pirrolidinon; 1-metil-2-pirrolidinon (CAS 872-50-4);
- l. Diottilmaleat (CAS 142-16-5);
- m. Etileżilakrilat (CAS 103-11-7);

- n. Trietilaluminju (TEA) (CAS 97-93-8), trimetilaluminju (TMA) (CAS 75-24-1), u alkili tal-metall piroforiċi oħra u arili tal-litju, sodju, manjeżju, żingu jew boron;
- o. Nitroċellulożju (CAS 9004-70-0);
- p. Nitroglīċerina (jew glīċeroltrinitrat, trinitroglīċerina) (NG) (CAS 55-63-0);
- q. 2,4,6-trinitrutoluwen (TNT) (CAS 118-96-7);
- r. Etilendiamminadinitrat (EDDN) (CAS 20829-66-7);
- s. Pentaeritritoltetranitrat (PETN) (CAS 78-11-5);
- t. Ażid taċ-ċomb (CAS 13424-46-9), stifnat taċ-ċomb normali (CAS 15245-44-0) u stifnat taċ-ċomb bażiku (CAS 12403-82-6) u splussivi primarji jew kompożizzjonijiet ta' innesk li fihom ażidi jew kumplessi ta' ażid;
- u. Mhux użat;
- v. Mhux użat;
- w. Dietildifenilureja (CAS 85-98-3); dimetildifenilurea (CAS 611-92-7); urea tal-metiletildifenil.
- x. N,N-difenilurea (difenilurea mhux simmetrika) (CAS 603-54-3);

- y. Metil-N,N-difenilurea (difenilurea mhux simmetrika tal-metil) (CAS 13114-72-2);
- z. Metil-N,N-difenilurea (difenilurea mhux simmetrika tal-metil) (CAS 64544-71-4);
- aa. Mhux użat;
- bb. 4-Nitrodifenilamina (4-NDPA) (CAS 836-30-6);
- cc. 2,2-Nitrodifenilamin (CAS 918-52-5);
- dd. Mhux użat.

X.D.VIII.001 Software, iddisinjat apposta għall-‘iżvilupp’, il-‘produzzjoni’ jew l-‘użu’ ta’ tagħmir speċifikat f’X.A.VIII.005 sa X.A.VIII.0013.

X.D.VIII.002 Software, iddisinjat apposta għall-‘iżvilupp’, il-‘produzzjoni’ jew l-‘użu’ ta’ tagħmir, ‘assemblaġġi elettroniċi’ jew komponenti speċifikati f’X.A.VIII.002.

X.D.VIII.003 Software għal tewmin diġitali ta’ prodotti tal-manifattura addittivi jew għad-determinazzjoni tal-affidabbiltà tal-prodotti tal-manifattura addittivi.

